MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2010

Rikors Numru. 88/2005/1

**Michael Aquilina**

**vs**

**Adrian Azzoaprdi**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti jikri lill-intimat il-fond 20A Clarence Street Pieta versu l-hlas ta’ kera ta’ ghoxrin lira (Lm20) fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem;

Illi l-kera qatt ma gie rivedut matul il-perjodu kollu tal-kirja favur l-intimat u cioe’ ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena;

Illi l-kera fuq imsemmi ghandu gustament jigi awmentat fid-dawl tac-circostanzi fuq imsemmija;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li stante l-premess, dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa rata ta' kera tal-fond 22A Clarence Street Pieta, liema rata tkun meqjusa bhala gusta mill-istess Onorabbli Bord;

Ra r-risposta tal-intimat li tghid:

L-ammont ta' kera li l-esponent ihallas lir-rikorrenti ghall fond 20A Clarence Street Pieta, li l-esponent jikri mingand ir-rikorrent, huwa gust, xieraq u skond il-ligi. Ghalhekk awment kif pretiz mir-rikorrent mhux gustikat;

Fic-cirkostanzi, it-talba tar-rikorrent ghandha tkun respinta bl-ispejjes kontra r-rikorrent;

Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi dan huwa rikors prospettat ai termini tal-artikolu 14(1) tal-Kap 69.

Illi stante n-natura teknika tar-rikors il-Bord kien assenja biex jassistuh zewg periti teknici skond il-ligi u dawn irrelataw bil-mod segwenti wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz:

Ahna iffissajna l-kera dovut tal-fond in kwistjoni fis-somma ta' Lm34.00/annum (erbgha u tletin lira maltin fis-sena) bil-kondizzjoni li xogholijiet ta' manutenzjoni ordinarja isiru a karigu ta' l-istess inkwilin, Adrian Azzopardi, filwaqt illi x-xoghol l-iehor ikun dovut a spejjez ta' l-istess rikorrenti Michael Aquilina.

Illi ghalhekk il-Bord qed jiffissa l-kera gust dovut lir-rikorrenti mill-iskadenza dovuta appena l-prezentata tar-

rikors promotorju fil-valur ta’ disa u sebghin euro u ghoxrin centezmu (E 79.20) fis-sena ekwivalenti ghall Lm34.00 fis-sena.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------